MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Numru 411/2008

PULIZIJA
SPETTUR YVONNE FARRUGIA
VS
ANTHONY BEZZINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Anthony Bezzina ta’ 55 sena, iben Xandru u Mikelina mwielda Zarb, imwieled Ghajn Tuffieha, limit ta’ San Pawl il-Bahar, fis-27 ta’ Awissu 1952, residenti f’ “Falcon”, Court 4, Triq Katerina Vitalis, Xemxija u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru, 655852(M).

Illi huwa akkuzat talli f’April 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

1. b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel

jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta’ Donald Vella;

2. aktar akkuzat ukoll talli fl-istess dati lokalitajiet, u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu ta’ Donald Vella, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Illi wkoll talli l-imputat Anthony Bezzina sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.52) fejn din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 25 ta’ Gunju 2008 (a fol. 49) fejn l-imputat ma sabx l-oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-imputat (a fol.74);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija (ara fol.85);

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Yvonne Farrugia, jirrizulta illi l-kwerelant Donald Vella ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, kontra l-imputat Bezzina bi frodi ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000). Irrizulta illi l-imputat kien joqghod ikellem lil Vella fuq il-*business* tieghu; fuq kostruzzjoni u barrieri u wara xi zmien, l-istess imputat kien talab lil Vella jisilfu s-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000) u dana il-ghaliex l-imputat kellu xi *tender* mal-Gvern u ma setghax ilahhaq ma’ l-ispejjez. Kienet saret skrittura bejniethom fl-10 ta’ Gunju 2007 (Dok.YF a fol.23). Sussegwentement l-imputat gie arrestat u rrilaxxa stqarrija.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat jiddikjara li kien jaf lil certu Donald Vella fil-kazin tal-Banda ta’ H’Attard u li kien talab lil dan il-persuna jisilfu elfejn Lira Maltin (Lm2,000):

*“Pero’ m’ghidtlux ir-raguni ghalfejn ghandi bzonnhom.”* (ara Dok.YF2 a fol.25)

L-imputat ikkonferma illi kien iffirma skrittura ghal dan is-self. L-imputat stqarr illi kellu jigbor hafna flus minn diversi persuni illi ma hallsuhx u ghaldaqstant ma setghax irodd lura lil Vella dak lilu misluf. L-imputat jinnega illi kien qal lil Vella illi kellu bzonn l-elfejn Lira Maltin (Lm2,000) fuq xi *tender* ghal *maintanance* f’xi skejjel tal-Gvern.

Giet ezebita Dok.YF3, sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (a fol.27).

Donald Vella (a fol.29) xehed illi huwa kien sar jaf lill-imputat fil-Kazin tal-Banda f'H'Attard u darba fost l-ohrajn kien talab li jisilfu elfejn Lira Maltin (Lm2,000) minhabba tender tal-Gvern sabiex ihallas xi perit u li kien qallu li ser jtihomlu fi zmien xahar. Wara illi ghaddew xi xaharejn, Vella beda jitolbu ghal hlas u l-imputat ma wasalx. Vella kkonferma l-iskrittura Dok.YF. Il-Qorti talbet lil Vella jispjega c-cirkostanzi li wassal ghal dan is-self bejn il-partijiet u l-kwerelant (a fol.30) xehed illi huma bdew jitkellmu fuq in-negozju ta' l-imputat:

*"Li huwa kellu l-barrieri u l-haddiema u li jiehu tenders"* (ara xhieda a fol.30),

u li Vella fehem illi l-imputat kien bniedem tan-negozju. Il-Qorti staqsiet lil Vella, kemm-il darba, l-imputat kien infurmah bir-raguni ghal bzonn ta' dan l-ammont ta' flus, Vella rrisponda illi l-imputat kien qallu li kellu jhallas xi perit fuq xi tender tal-Gvern. Mistoqsi mill-Qorti, kemm-il darba Vella ghamel xi tfittxija jew ricerka fuq l-imptuat qabel ma sellfu l-flus u Vella rrisponda:

*"Sfortunatament ma ghamiltx. Ghamiltha wara illi kien too late."* (ara xhieda a fol.30)

Din il-Qorti kompliet issaqsi lil Vella, kemm-il darba, l-imputat weriex lil Vella xi progetti jew xi barrieri jew xi officini, jekk kien jigi liebes pulit jew kien juza xi karozzi kbar u lussuzi u, ghal dana kollu, il-kwerelant irrisponda fin-negattiv u nforma lil Qorti illi lanqas ma kien irrikorra ghal parir legali qabel ma ffirma l-iskrittura.

Michael Vella, missier il-kwerelant (a fol.33), ikkonferma x-xhieda ta' ibnu Donald Vella.

WPS 249 Debattista, ikkonfermat l-istqarrija ta' l-imputat Dok.YF2.

Dr. John Attard (a fol.50) informa illi kien it-tabib kuranti ta' l-imputat ghal diversi snin u li l-imputat kien qieghed ibghati minn ugiegh f'ghonqu u f'daharu, li kien sarlu MRI u li kien sab li kellu *slip-disk*.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda prova.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab akkuzat bi truffa, b'akkuza alternattiva ta' approprijazzjoni ndebita u b'recidiva. Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta b'mod anka ampju illi l-imputat ghandu barrieri u  li jahdem fil-gebel, kien gie fi bzonn ta' flus, iltaqa' ma' Donald Vella, talbu jselliflu l-flus u dana selfu elfejn Lira Maltin (Lm2,000) minghajr ma ghamel ebda ricerka fuq l-imputat.

Minkejja illi l-imputat jinnega, fl-istqarrija tieghu illi huwa nforma lil Vella illi kellu bzonn dawn il-flus halli jhallas xi perit in konnessjoni ma' xi *tender* tal-Gvern, din il-Qorti temmen illi xi forma ta' raguni inghatat, ghalkemm hemm konflitt serju, precizament x'kienet din ir-raguni: fl-istqarrija ta' l-imputat, il-Prosekuzzjoni kienet qed tistaqsi lill-imputat fuq xi *tender* tal-*maintanance* f'xi skejjel tal-Gvern (ara fol.26) waqt li l-kwerelant jghid li l-imputat qalilhom illi kellu jhallas xi perit fuq xi *tender* tal-Gvern.

Dak illi ghandha tezamina l-Qorti huwa, kemm-il darba, gidba semplici minghajr artifizji, makkinazzjonijiet u qerq iehor huwiex bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' truffa. Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija vs. George Manicolo** deciza 31 ta' Lulju 1998:

***"Illi l-gurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa, mhux bizzejjed is-semplici gidba, kliem menzonier, izda hu necessarju u essenzjali illi jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali,***

***ghandhom jkunu atti frawdolenti li necesserjament iqajjmu sentimenti kif hemm indikati fil-fuq kwotat Artikolu 308 tal-Kap.9. Irid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom ma humiex sufficjenti.”***

Illi fis-sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali **Pulizija vs. Philip Petroni** deciza fis-16 ta’ Marzu 1999, il-Qorti Kriminali irriteniet:

***“Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe’ li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitetta b’hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika il-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta’ meta persuna b’kwalsiasi forma ta’ qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x’tifhem li ghandha flus meta m’ghandhiex.”***

Illi l-kaz in ezami, huwa ftit iktar komplikat ghar-raguni illi l-imputat verament huwa negozjant, verament ghandu barrieri u verament jahdem fil-kostruzzjoni, izda jinstab f’diffikulta finanzjarja biex ilahhaq mal-pagamenti kif, del resto, jinstabu hafna negozjanti Maltin.

Illi ghaldaqstant, dan il-kaz, ma jikkonfigurax taht ir-reati ta’ messa in xena jew ta’ approprijazzjoni ndebita jew frodi iehor nominat, izda jirrigwarda self da parti tal-kwerelant illi ma hax il-mizuri prekawzjonali biex jitkixxef fuq il-vijabilita’ tal-persuna illi kien behsiebu jsellef il-flus.

Illi lanqas ma jissussistu l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ approprijazzjoni ndebita. Dan il-kaz jitratta fuq self li ma giex onorat minhabba ezigenzi kummercjali. Illi ghaldaqstant il-Qorti taghraf illi  l-pendenzi ta’ bejn l-imputat u l-kwerelant huma ta’ natura civili.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Anthony Bezzina, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------